

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2007/0281(CNS)

14.1.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib (COM(2007)0802 – C6-0015/2008 – 2007/0281(CNS))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Elisabeth Jeggle,

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

EXPLANATORY STATEMENT.....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib (COM(2007)0802 – C6-0015/2008 – 2007/0281(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0802),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0015/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0000/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi mill-Parlament

Emenda 1 PREMESSA 3

(3) Il-Kunsill talab li l-Kummissjoni twettaq rapport ta' prospettiva dwar is-suq meta kienu ġew implimentati għal kollox ir-riformi ta' l-2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-ħalib u l-prodotti tal-

(3) Il-Kunsill talab li l-Kummissjoni twettaq rapport ta' prospettiva dwar is-suq meta kienu ġew implimentati għal kollox ir-riformi ta' l-2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-ħalib u l-prodotti tal-

ħalib *bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk l-
allokazzjoni ta' kwoti addizzjonali kinitx
xierqa.*

ħalib *fuq il-bażi li għandha tittieħed
deċiżjoni..*

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir referenza għall-kliem li ntuża fid-Dikjarazzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2003.

Emenda 2 PREMESSA 4

(4) Dan ir-rapport sar u kkonkluda li s-sitwazzjoni attwali tas-swieq tal-Komunità u tad-dinja u s-sitwazzjoni tagħhom prevista għall-perjodu sa' l-2014, jiġġustifikaw żieda addizzjonali **ta' 2 %** fil-kwota **biex iktar ħalib ikun jista' jkun prodott fil-Komunità biex jgħin biex jintlaħqu r-rekwiżiti tas-suq emerġenti għal-prodotti tal-ħalib.**

(4) Dan ir-rapport sar u kkonkluda li s-sitwazzjoni attwali tas-swieq tal-Komunità u tad-dinja u s-sitwazzjoni tagħhom prevista għall-perjodu sa' l-2014, jistgħu jiġġustifikaw żieda addizzjonali fil-kwota.

Ġustifikazzjoni

Apparti mill-kwistjoni jekk żieda għall-2008/09 hijiex ġustifikata jew le (evalwazzjoni nuqqas ta' użu u ta' inkompetenza madwar l-UE fir-rapport ta' prospettiva), ir-rapporteur għal opinjoni taħseb li żieda ta' 2% tal-kwoti hija to be a pre-Health Check change in dairy policy. Il-proposta għal żieda ta' 2% fil-kwota tal-prodotti tal-ħalib hija l-ewwel pass sabiex titneħħa l-iskema tal-kwota tal-ħalib. Madankollu d-deċiżjoni sabiex ma tiġix estiża l-iskema tal-kwota fl-2014/15 għadha ma tteħdietx. Għalhekk ir-rapporteur għal opinjoni jidhrilha li żieda immedjata tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib mhix leġittima. Ir-rapporteur għal opinjoni ma tinterferix maż-żieda mifthiema ta' 0.5% għal 11-il Stat Membru kif ġie deċiż fl-2003.

Emenda 3 PREMESSA 4 A (ġdida)

(4a) M'hemm l-ebda nuqqas ta' użu tal-kwota tal-ħalib fil-livell ta' l-UE.

Ġustifikazzjoni

Teżisti sitwazzjoni madwar l-UE ta' nuqqas ta' użu tal-kwoti tal-ħalib. Iċ-ċifri għall-2006/07 juru nuqqas ta' użu nett ta' 1.9 miljun tunnellata fil-livell ta' l-UE, bi 18 minn 27 Stat Membru jipproduċu anqas mill-kwoti nazzjonali. Għall-kwota attwali tas-sena 2007/08, il-Kummissjoni Ewropea qed tistenna nuqqas ta' użu ta' tliet miljun tunnellata, minkejja l-prezzijiet relattivament għoljin tal-ħalib.

Emenda 4
PREMESSA 4 B (ġdida)

(4b) Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni sabiex twaqqaf programm ta' ristrutturazzjoni tal-fond tal-ħalib.

Ġustifikazzjoni

Fil-qafas tal-pakkett 'mini-milk' il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi programm ta' ristrutturazzjoni tal-fond tal-ħalib sabiex jinżamm it-tfaddil li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-pakkett 'mini-milk' għas-settur tal-ħalib. Ir-rapporteur għal opinjoni għamlet rimarka dwa il-fatt li s-settur tal-ħalib huwa settur sensitiv u għalhekk huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata produzzjoni sostenibbli tal-ħalib (madwar ir-reġjuni kollha ta' l-UE). Barra minn hekk, is-settur tal-ħalib huwa innovattiv u orjentat lejn il-futur b'aspett soċjali għoli u standards impenjattivi għall-benesseri u għall-ambjent ta' l-annimali.

Emenda 5
PREMESSA 5

(5) Għalhekk, huwa xieraq li ssir żieda ta' *imħassra* 2 % fil-kwoti ta' l-Istati Membri kollha kif jidher fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 mill-1 ta' April 2008.

Ġustifikazzjoni

Apparti mill-kwistjoni jekk żieda għall-2008/09 hijiex ġustifikata jew le (evalwazzjoni nuqqas ta' użu u ta' inkompetenza madwar l-UE fir-rapport ta' prospettiva), ir-rapporteur għal opinjoni taħseb li żieda ta' 2% tal-kwoti hija bidla minn qabel tal-"Health Check" fil-politika dwar il-prodotti tal-ħalib. Il-proposta għal żieda ta' 2% fil-kwota tal-prodotti tal-ħalib hija l-ewwel pass sabiex titneħħa l-iskema tal-kwota tal-ħalib. Madankollu d-deċiżjoni sabiex ma tiġix estiża l-iskema tal-kwota fl-2014/15 għadha ma tteħdietx. Għalhekk ir-rapporteur għal opinjoni jidhrilha li żieda immedjata tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib mhix leġittima. Ir-rapporteur għal opinjoni ma tinterferix maż-żieda miġthiema ta' 0.5% għal 11-il Stat Membru kif ġie deċiż fl-2003.

Emenda 6
PREMESSA 5 A (ġdida)

(5a) Hemm bżonn li tiżdied ir-riċerka dwar l-imġiba tal-konsumatur fir-rigward

tas-suq tal-ħalib peress li dan is-suq huwa sensittiv ħafna għall-bidla. Il-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni immedjata sabiex tiżdied ir-riċerka f'dan il-qasam.

Ġustifikazzjoni

Id-dibattitu dwar il-kwistjoni ta' żieda immedjata fil-kwoti tal-ħalib ta' l-UE għas-sena 2008/09 ġie stabbilit f'nofs l-2006, meta l-prezzijiet internazzjonali tal-prodotti bażiċi tal-ħalib kienu qed jitjiebu. Iż-żidiet fil-prezz tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib kellhom impatt negattiv immedjat fuq it-talba tal-konsumatur u dan juri li s-suq tal-ħalib huwa sensittiv ħafna għall-bidla. Ix-xewqa tal-konsumatur hija kruċjali. Għalhekk hemm bżonn li tiżdied ir-riċerka dwar l-imġiba tal-konsumatur.

Emenda 7 ARTIKOLU 1

Il-Punt 1 ta' l-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jinbidel fit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Jekk is-sistema attwali tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib ma' tiġix modifikata sa l-1 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' l-iskema tal-kwota tal-ħalib, u jekk ikun il-bżonn, din tkun akkumpanjata bi proposti xierqa li fost l-oħrajn ikollhom l-għan li jemendaw l-iskema mfassla fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur għal opinjoni għamlet rimarka dwar il-fatt li ż-żieda ta' 2% fil-kwota tal-prodotti tal-ħalib tkun sinjal ħażin bħalissa. Id-deċiżjoni ta' jekk tiżdiedtx il-kwota tal-ħalib u jekk iva, b'liema persentaġġ, għandha tkun parti minn strateġija ġenerali għal żmien twil għas-settur tal-prodotti tal-ħalib li għandu jkun hemm diskussjoni dwarha fil-qafas tal-'Health Check' u mhux qabel. Jekk il-'Health Check' ta' l-2008 ma jimmodifikax l-iskema tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' l-iskema tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib (flimkien ma' l-iżviluppi fis-suq u dawk strutturali), u jekk ikun il-bżonn, ikun akkumpanjat minn proposti xierqa.

Emenda 8 ARTIKOLU 1 A (ġdid) Artikolu 78, paragrafu 1 (Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Artikolu 1a

Fl-Artikolu 78(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għas-sena tal-kwota ta’ l-2008/09, ser ikun hemm levi fuq il-ħalib żejjed u levi oħra fuq il-prodotti tal-ħalib kummerċjalizzati li jaqbżu l-kwota nazzjonali, kif stabbilita skond is-Sotto-taqsim II, jekk wara li ssir firxa bbilanċjata madwar l-UE jkun għad baqa’ ż-żejjed.”

Ġustifikazzjoni

Teżisti sitwazzjoni madwar l-UE ta' nuqqas ta' użu tal-kwoti tal-ħalib. Iċ-ċifri għall-2006/07 juru nuqqas ta' użu nett ta' 1.9 miljun tunnellata fil-livell ta' l-UE, bi 18 minn 27 Stat Membru jipproduċu anqas mill-kwoti nazzjonali. Għall-kwota attwali tas-sena 2007/08, il-Kummissjoni Ewropea qed tistenna nuqqas ta' użu ta' tliet miljun tunnellata, minkejja l-prezzijiet relattivament għoljin tal-ħalib. Ir-rapporteur għal opinjoni taħseb li huwa loġiku li l-ewwel jintuża l-marġinu.

Emenda 9

ARTIKOLU 1 B (ġdid)

Artikolu 1b

Qabel l-1 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-imġiba tal-konsumatur fir-rigward tas-suq tal-ħalib.

Ġustifikazzjoni

Id-dibattitu dwar il-kwistjoni ta' żieda immedjata fil-kwoti tal-ħalib ta' l-UE għas-sena 2008/09 ġie stabbilit f'nofs l-2006, meta l-prezzijiet internazzjonali tal-prodotti bażiċi tal-ħalib kienu qed jitjiebu. Iż-żidiet fil-prezz tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib kellhom impatt negattiv immedjat fuq it-talba tal-konsumatur u dan juri li s-suq tal-ħalib huwa sensitiv ħafna għall-bidla. Ix-xewqa tal-konsumatur hija kruċjali. Għalhekk hemm bżonn li tiżdied ir-riċerka dwar l-imġiba tal-konsumatur.

Emenda 10

ANNEX

Anness imħassar

Ġustifikazzjoni

Apparti mill-kwistjoni jekk żieda għall-2008/09 hijiex ġustifikata jew le (evalwazzjoni mhux kompluta dwar in-nuqqas kbir ta' użu madwar l-UE fir-rapport ta' prospettiva), ir-rapporteur għal opinjoni taħseb li żieda ta' 2% tal-kwoti hija minn qabel tal-"Health Check" fil-politika dwar il-prodotti tal-ħalib.

Il-proposta għal żieda ta' 2% fil-kwota tal-prodotti tal-ħalib hija l-ewwel pass sabiex titneħħa l-iskema tal-kwota tal-ħalib. Madankollu d-deċiżjoni sabiex ma tiġix estiża l-iskema tal-kwota fl-2014/15 għadha ma tteħdietx. Għalhekk ir-rapporteur għal opinjoni jidhrilha li żieda immedjata tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib mhix leġittima. Ir-rapporteur għal opinjoni ma tinterferix maż-żieda mifthiema ta' 0.5% għal 11-il Stat Membru kif ġie deċiż fl-2003.

NOTA SPJEGATTIVA

Sfond

Deċiżjonijiet effettivi skond l-Aġenda 2000, estendew l-iskema tal-kwoti tal-ħalib sa April 2008. Barra minn hekk, l-Aġenda 2000 provdjet għal żieda ta' 2.4% fil-kwantitajiet ta' referenza kollha ta' l-UE minn 117.5 miljun tunnella għal 120.3 miljun tunnella. Fuq naħa, din ħadet il-forma ta' żidiet speċifiċi nazzjonali għall-Italja, għal Spanja, għall-Greċja, għar-Repubblika ta' l-Irlanda u għall-Irlanda ta' Fuq fuq perjodu ta' sentejn mill-2000/01 sa 2001/02; u fuq naħa oħra, żieda lineari ta' 1.5% fil-kwoti tal-ħalib fuq tliet snin mill-2005/06 sa l-2007/08 għall-Istati Membri kollha li ma jirċivux żidiet speċifiċi fil-kwota.

Skond il-ftehim ta' l-Aġenda 2000, il-Kunsill impenja ruħu sabiex jagħmel reviżjoni ta' nofs it-term tas-sistema tal-kwota tal-ħalib fl-2003. Fil-kompromess tiegħu ta' Ġunju 2003, il-Kunsill qabel li r-reġim eżistenti tal-kwota tal-ħalib għandu jiġi estiż sa l-2014/15. Barra minn hekk il-Kunsill qabel li ż-żidiet fil-kwota ta' l-Aġenda 2000 jibdew fl-2006/07, minflok fl-2005/06, u li ma jkunx hemm aktar żidiet fil-kwota fl-2007/08 jew fl-2008/09, kif kien propost fl-Aġenda 2000.

Kellu jitressaq rapport tas-suq la darba r-riforma tiġi implimentata kollha. Madankollu, għal raġunijiet speċifiċi lokali, il-Greċja nġatat żieda fil-kwota ta' 120,000 tunnella u l-Azores iġġataw żieda ta' 50,000 mill-2005/06 'il quddiem (imnaqqsa minn 73,000 tunnella aktar fl-2003/04 u 61,500 aktar tunnella fl-2004/05).

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għar-Riforma ta' l-2003 tinkludi żieda fil-kwota għal darbtejn, 1% minbarra ż-żidiet li diġà kienu miftiehma fil-qafas ta' l-Aġenda 2000. Fil-kompromess ta' Ġunju 2003, il-Kunsill iddeċieda li ma jkun hemm l-ebda żieda addizzjonali fil-kwota fl-2007 u fl-2008 u talab lill-Kummissjoni tressaq rapport ta' prospettiva tas-suq, la darba r-riforma tkun implimentata kollha.

Ir-Rapport ta' Prospettiva tas-Suq għas-Settur tal-Prodotti tal-Ħalib li jakkumpanja din il-proposta jindirizza l-kwistjoni dwar jekk is-suq joffrix biżżejjed opportunitajiet għall-provvista ta' kwantitajiet addizzjonali ta' ħalib, mingħajr ma jirriżulta f'żieda ta' appoġġ pubbliku fil-medda ta' żmien qasir u/jew medju, jekk il-kwoti nazzjonali kellhom jiġu estiżi għas-27 Stat Membru.

Ir-rapport jikkonkludi li kemm il-prospettiva tas-suq ta' l-UE kif ukoll dik tas-suq dinji huma pożittivi u l-analiżi li saret għal żieda ta' 2 % fil-produzzjoni tal-ħalib fl-UE turi li s-suq joffri bla diffikultà opportunitajiet għal dawn il-kwantitajiet addizzjonali. Il-Kummissjoni tikkonkludi li żieda ta' 2% fil-kwoti tal-prodotti tal-ħalib, tista' tiġi implimentata mill-perjodu tal-kwota tal-ħalib ta' l-2008/09 (i.e. 2.85 miljun tunnella aktar f'ħalib, total ta' 147.5 miljun tunnella).

B'mod aktar ġenerali, huwa evidenti mill-istqarrijiet li saru, li l-Kummissjoni Ewropea hi

favur it-tneħħija ta' l-iskema tal-kwota tal-ħalib wara l-2015. F'termini legali, is-sistema tal-kwoti tal-ħalib ser tiskadi fl-2015 sakemm il-Kummissjoni ma tressaqx proposta sabiex tiġi estiża u din il-proposta jkollha l-appoġġ ta' l-Istati Membri b' maġġoranza kwalifikata.

Il-pożizzjoni tar-rapporteur għal opinjoni

Ir-rapporteur għal opinjoni tiġbed l-attenzjoni li l-farming għall-prodotti tal-ħalib huwa s-settur l-aktar prominenti f'ħafna reġjuni ta' l-UE. Madankollu, il-karatteristiċi tas-settur tal-prodotti tal-ħalib fl-UE jvarjaw ħafna minn reġjun għall-ieħor, b'differenzi kbar fl-istruttura tal-produzzjoni, fil-prattiki tat-trobbija, fil-kundizzjonijiet klimatiċi u fil-kwota disponibbli, li jwasslu għal varjazzjonijiet sinifikanti fir-riżultat u fil-prestazzjoni ekonomika reġjonali.

Ir-rapporteur għal opinjoni ġibdet l-attenzjoni dwar il-fatt li ż-żieda proposta tal-kwota tal-ħalib għandha żewġ effetti. L-ewwel effett hu li tillaxxa r-restrizzjoni fuq produttori 'low-cost', u dan jirriżulta f'żieda tal-produzzjoni tal-ħalib. Però t-tieni effett hu li l-espansjoni tal-produzzjoni tal-ħalib tnaqqas il-prezz tal-ħalib. Minħabba prezzijiet aktar baxxi tal-ħalib, xi produttori li jonfqu aktar fil-produzzjoni jkollhom inaqqsu jew iwaqqfu l-produzzjoni.

Fuq in-naħa l-oħra, jekk id-domanda ta' l-UE u d-domanda internazzjonali jikbru kif il-Kummissjoni Ewropea qed tistenna li jiġri u jekk is-settur kollu jsir kompetittiv, dawn min-naħa tagħhom inaqqsu n-nefqa baġitarja b'mod sostanzjali kemm fuq il-miżuri dwar ir-rimi u kemm dwar il-miżuri ta' interventzjoni u interni.

B'kuntrast ma' dan, jekk jiġri kif mistenni, probabilmnt iż-żieda fil-kwoti u eventwalment it-tneħħija tagħhom ser iwasslu għal żieda fil-produzzjoni, tnaqqis tal-prezzijiet u kompetittività akbar tas-settur, u ikun korollarju l-fatt li dan għandu t-tendenza li jkollu effett ħażin fuq ir-reġjuni ta' produzzjoni żvantaġġati u inqas effiċjenti.

Iż-żieda ta' 2% tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib għall-2008/09 proposta mill-Kummissjoni Ewropea tikkontribwixxi għal kwantità ta' referenza ta' 2.85 miljun tunnellata addizzjonali.

Ir-rapporteur għal opinjoni għandha d-dubbi jekk iż-żieda ta' 2% proposta għall-2008/09 hijiex ġustifikata fil-kuntest tas-sitwazzjoni madwar l-UE tan-nuqqas ta' użu tal-kwoti tal-ħalib. Iċ-ċifri għall-2006/07 juru nuqqas ta' użu nett ta' 1.9 miljun tunnellata fil-livell ta' l-UE, bi 18 minn 27 Stat Membru jipproduċu anqas mill-kwoti nazzjonali. Għall-kwota attwali tas-sena 2007/08, il-Kummissjoni Ewropea qed tistenna nuqqas ta' użu ta' tliet miljun tunnellata, minkejja l-prezzijiet relattivament għoljin tal-ħalib.

Barra minn hekk, ir-rapporteur għal opinjoni għandha d-dubbi dwar l-analiżi tal-Kummissjoni li hemm fir-rapport ta' prospettiva dwar il-prodotti tal-ħalib li kien il-bażi għaż-żieda proposta fil-kwota għas-sena 2008/09. Il-Kummissjoni tipprevedi l-ħtieġa għal forniment addizzjonali ta' madwar 8.0 miljun tunnellata bejn l-2007 u l-2014. Madankollu, ir-rapporteur għal opinjoni tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Kummissjoni tqis biss iż-żieda fid-domanda, u mhux iż-żieda fil-produzzjoni jew il-bidla fl-użu tal-ħalib fi prodotti tal-ħalib li għandhom dħul għoli (aktar ċaqliq lejn il-produzzjoni tal-ġobon u anqas lejn l-SMP, id-WMP u l-butir).

Barra minn hekk ta' min jinnota li ser ikun hemm żieda ta' 0,5% mill-1 ta' April 2008 għal 11-il Stat Membru kif diġà ġie deċiż bħala parti mir-riforma ta' 2003, li tammonta għal

700,000 tonnellata oħra.

Barra minn hekk, ir-rapporteur tixtieq tfakkar lill-Kummissjoni li d-deċiżjoni reċenti għall-istandardizzazzjoni tal-proteini (deċiża fil-qafas tal-pakkett 'mini-milk' ta' l-2007) ser tkun diġà qed tapplika fl-2008 u ser tqiegħed kwantitajiet addizzjonali (proteini) fis-suq.

Ir-rapporteur għal opinjoni tixtieq tfakkar ukoll lill-Kummissjoni li l-bażi għad-dibattitu dwar il-kwistjoni ta' żieda immedjata fil-kwoti tal-ħalib ta' l-UE għas-sena 2008/09 ġie stabbilit f'nofs l-2006, meta l-prezzijiet internazzjonali tal-prodotti bażiċi tal-ħalib kienu qed jitjiebu.

Iż-żidiet fil-prezz tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib kellhom impatt negattiv immedjat fuq it-talba tal-konsumatur u dan juri li s-suq tal-ħalib huwa sensittiv ħafna għall-bidla. Ir-rapporteur ġibdet l-attenzjoni li dan l-aħħar il-prezzijiet kienu qed jonqsu. Għalkemm ix-xewqat tal-konsumaturi huma deċisivi, f'din il-kwistjoni l-interessi tal-produttur huma importanti ħafna. Għalhekk, ir-rapporteur tara bżonn immedjat li tiżdied ir-riċerka dwar l-attitudni tal-konsumaturi.

Apparti mill-kwistjoni jekk żieda għall-2008/09 hijiex ġustifikata jew le (minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq jew minħabba n-nuqqas kbir ta' użu fl-UE kollha u evalwazzjoni mhux kompluta fir-rapport ta' prospettiva), ir-rapporteur għal opinjoni taħseb li żieda proposta ta' 2% tal-kwoti hija bidla minn qabel tal-"Health Check" fil-politika dwar il-prodotti tal-ħalib.

Il-proposta għal żieda ta' 2% fil-kwota tal-prodotti tal-ħalib hija l-ewwel pass sabiex titneħħa l-iskema tal-kwota tal-ħalib. Id-deċiżjoni biex l-iskema tal-kwota tal-ħalib tispiċċa fl-2014/15, għadha ma ttehdietx. Għalhekk, ir-rapporteur hija ta' l-opinjoni li żieda immedjata tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib mhix leġittima u jinnota li żieda ta' 2% tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib se tkun sinjal ħażin f'dan iż-żmien. Għalhekk ir-rapporteur ma tistax tappoġġja żieda addizzjonali ta' 2% għall-2008/2009 u hija ta' l-opinjoni li hemm bżonn ta' iktar analiżi.

Id-deċiżjoni dwar jekk tiżdiedx il-kwota tal-ħalib - u jekk iva, b'liema persentaġġ, għandha tkun parti mill-istrateġija ġenerali għal tul ta' żmien għas-settur tal-prodotti tal-ħalib. L-istrateġija għal tul ta' żmien għandha tkun diskussa fil-kuntest tal-"Health Check" u mhux qabel.

Ir-rapporteur tapprova approċċ iktar flessibbli sabiex jiġu affaċċjati r-riġiditajiet ta' l-iskema tal-kwota eżistenti Ir-rapporteur għalhekk tistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tintroduċi mekkaniżmu ta' l-UE li jibbilanċja għall-kwota tal-ħalib għas-sena tal-kwota 2008/09.

Ir-rapporteur tirrimarka li l-argument imressaq mill-Kummissjoni li permezz tiegħu żieda fil-kwota u għalhekk tnaqqis fil-prezzijiet ma jwasslux għal intervenzjoni, ma jikkunsidrax l-effetti li tnaqqis fil-prezzijiet għandu fuq il-produtturi. Tnaqqis fil-prezzijiet, anke jekk ikun iktar mill-prezz ta' intervenzjoni, jagħmel l-eżistenza jew l-iżvilupp innovattiv diffiċli għall-produttur.

It-tkomplija, it-tneħħija bil-mod jew it-tneħħija kompleta tas-sistema tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib, hija deċiżjoni politika li għandha tittieħed mis-27 Stat Membru ta' l-UE kollha. Deċiżjoni bħal din għandha madanakollu ssir fuq il-bażi ta' analiżi estensiva tal-vantaġġi

kollha u l-iżvantaġġi li jirrikjedu kemm it-tkomplija u kemm it-tneħħija tas-sistema. Din l-analiżi għandha tinvolvi wkoll bidliet possibbli fl-iskema biex jagħmlu tajjeb għall-iżvantaġġi tas-sistema tal-kwota eżistenti li bħalissa hija applikata b'mod pjuttost riġidu. Għandhom jiġu studjati l-possibilitajiet differenti għat-twaqqif ta' sistema tal-kwota tal-ħalib flessibbli

Ir-rapporteur talbet lill-Kummissjoni biex l-ewwelnett tevalwa l-impatt ta' tkompliġa possibbli, ta' tneħħija bil-mod jew ta' tneħħija totali tas-sistema tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib. Kieku l-evalwazzjoni ta' l-impatt kellha tissuġġerixxi t-tneħħija totali tal-kwota, għandhom jiġu analizzati l-għażliet possibbli għat-tneħħija bil-mod tas-sistema tal-kwota u l-miżuri relatati li jistgħu jgħinu biex ikun żgurat 'soft-landing' għas-settur tal-prodotti tal-ħalib. Għandhom ikunu studjati l-possibilitajiet kollha fuq il-bażi tal-fattibilità tagħhom b'attenzjoni partikolari tingħata lill-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali, reġjonali u baġitarji tagħhom

Fil-każ fejn kellha titneħħa l-iskema tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib, ir-rapporteur hija ta' l-opinjoni li jistgħu jintlaħqu l-possibilitajiet li ġejjin jew il-kombinazzjoni ta' strumenti bħala għażliet possibbli għat-tneħħija bil-mod ta' l-iskema, it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' l-UE li jibbilanċja għall-kwantitajiet tal-kwota tal-ħalib li ma jintużawx biżżejjed, it-tnaqqis tas-"super levy", iż-żidiet fil-kwota u t-tneħħija tal-korrezzjoni tax-xaħam.

Jekk is-sistema tal-kwota tal-prodotti tal-ħalib titneħħa fl-2014/15, ir-rapporteur tixtieq tenfasizza l-bżonn li tkun żgurata l-eżistenza ta' miżuri ta' akkumpanjament biex ikun iffaċilitat it-tmiem tas-sistema tal-kwota. Pagamenti diretti, politika mmirata għall-iżvilupp rurali kif ukoll il-ħolqien ta' fond għall-ħalib jew ta' skema għar-ristrutturazzjoni kif proposta diġà mill-Parlament, jistgħu jgħinu biex ikun żgurat 'soft-landing'.